# PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 12 ta’ Diċembru 2024**

**Numru: 10**

**Rikors Nru. 737/2023**

**Charles Izzo, Sandra Chetcuti, Anthony Izzo, Theresa sive Marthese Farrugia f'isimha propju u bħala mandatarja tal-imsiefrin Joe Fasi u Carol Gerald, Carmela sive Ena Cauchi, Josephine sive Josepha Caruana, f'isimha proprju u bħala mandatarja ta' Julie Ascolese u Janet Ascolese, George Betts, Dottor Michelina sive Michelle Tabone f'isem u għan-nom ta' Opri Missjunarji Pontifiċji f’Malta.**

**v**

**Dr Mattia Felice u PL Veronica Rossignaud maħtura b’digriet tal-4 ta’ Settembru 2023 bħala kuraturi deputati għal sidien mhux magħrufa fit-titolu, sabiex jirrappreżentaw is-suċċessuri tal-mejjet Emanuel Ascolese**

1. Skont l-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili, il-qorti tista’ tawtorizza l-bejgħ ta’ proprjetà miżmuma in komun skont ix-xewqa tal-maġġoranza fil-valur tal-komproprjetarji, jekk tkun sodisfatta li m’humiex ser jiġu gravement preġudikati l-komproprjetarji dissendenti, mhux magħrufa, jew li ma jistgħux jinstabu, u jekk il-kondizzjonijiet imfissra fl-imsemmi artikolu jkunu ġew sodisfatti.

**Il-kawża tal-atturi**

2. L-atturi f'din il-kawża qiegħdin jitolbu din l-awtorizzazzjoni. Jibbażaw it-talba tagħhom fuq il-premessi li jsegwu:

   i. Illi r-rikorrenti, flimkien ma' 1-eredi mhux magħrufa ta' Emanuel Ascolese huma s-sidien tal-fond bin-numru 29 bl-isem "Redentur" fi Triq il-Foss, Paola.

   ii. Illi l-fond imsemmi kien jappartjeni lil Charles Ascolese u Julia Ascolese li mietu fit-3 ta' Jannar 1947 u fil-5 ta' Diċembru 1973 rispettivament. (Dok. A u Dok. B)

   iii. Illi l-imsemmija konjugi Ascolese kellhom testment datat 15 ta' Ġunju 1946 fl-atti tan-Nutar Eduardo Calleja Schembri (Dok. C) fejn istwixxew bħala eredi universali tagħhom li għaxar ulied tagħhom u cioè li Kanonku Giuseppe Maria Ascolese, Maria xebba, Vincenza li kienet xebba, Emanuele, Giovanni, Maria Stella xebba, Antonia mart Antonio Fasi, Amelia mart Giuseppe Izzo, Carmela xebba, u Paolina xebba.

   iv. Illi fis-16 t'April 1972 miet il-Kanonku Giuseppe Maria Ascolese u in forza tal-aħħar testment tiegħu in atti tan-Nutar Joseph Vella Galea tat-22 t' April 1964 ħatar bħala eredi universali tiegħu lil erbgħa ħutu xebbiet, Vincenza. Maria Stella, Maria u Carmela fuq imsemmija. Dok. D.

   v. Illi John Ascolese miet fis-27 ta' Marzu 1980 (Dok. E) u miet bla testment u għaldaqstant l-eredità tiegħu għaddiet fuq it-tlett itfal tiegħu Julie, Janet u Paul aħwa Ascolese. Paul Ascolese miet bla testment u l-eredità tiegħu għaddiet għand Julie u Janet aħwa Ascolese. (Dok F)

   vi. Illi fis-7 ta' April 1995 mietet Vincenza Ascolese, xebba. In forza tal-aħħar testment tagħha in atti tan-Nutar Joseph Brincat datat 17 ta' Settembru 1974, l-imsemmija Vincenza Ascolese istitwiet bħala eredi tagħha lit-tlett ħutha xebbiet Maria Concetta, Maria Stella u Maria Carmela. (Dok. G)

   vii. Illi fil-11 ta' Frar 1998 mietet Antonia Fasi mart Anthony Fasi u mietet bla testment u għaldaqstant l-eredità tagħha għaddiet għand iż-żewġ uliedha Julia Carol sive Carol Guerard mart Ronald u Joseph aħwa Fasi. (Dok H)

   viii. Illi fis-17 ta' Settembru 2000 mietet Maria Stella Ascolese, xebba. In forza tal-aħħar testment tagħha in atti tan-nutar Joseph Brincat datat 17 ta' Settembru 1974 u hija kienet istitwiet bħala eredi tagħha lil ħutha xebbiet Vincenza (li mietet qabilha) fuq imsemmija Maria Concetta u Maria Carmela aħwa Ascolese. (Dok. I) Maria Carmela Ascolese mietet xebba fis-6 t' Awwissu 2008 u hija kellha testment fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace datat 5 t' April 2001 fejn hija kienet ħalliet l-eredità tagħha lil oħtha Maria Concetta Ascolese. (Dok. J)

   ix. Illi Maria Concetta Ascolese, xebba mietet fit-18 ta' Ġunju 2011 u hija kellha testment fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace datat 5 t' April 2001 fejn hija ħalliet l-eredità tagħha lil oħtha Maria Carmela Ascolese li mietet qabilha bid-dritt ta' sostituzzjoni a favur uliedha Sandra Chetcuti, Anthony Izzo, Charles Izzo, Therese sive Marthese Farrugia mart John, Carmela sive Ena Cauchi mart Anthony, Josephine sive Josepha Caruana mart Joseph u Marion Betts mart John ilkoll aħwa Izzo. L-imsemmija Marion Betts mietet fl-14 ta' Mejju 2012 u hija kellha testment fl-atti tan-Nutar Mariona Fenech datat 7 ta' Marzu 2006 fejn hija kienet innominat lir-raġel tagħha George Betts bħala l-werriet tagħha. (Dok. J)

   x. Illi Amelia Izzo mart Joseph Izzo Ii miet fil-11 ta' Jannar 2006 ġiet nieqsa fis-29 ta' Marzu 2016 u hija kienet għamlet testment fl-atti tan-Nutara Isabelle Gonzi datat 6 ta' Dicembru2012 u hija kienet innominat lis-sitt uliedha, Sandra Chetcuti, Anthony Izzo, Charles Izzo, Theresa sive Marthese Farrugia mart John, Carmela sive Ena Cauchi mart Anthony u Josephine sive Josepha Caruana mart Joseph, aħwa Izzo bħala eredi universali. (Dok. K) (Dok. AKl)

   xi. Illi Paula Maria sive Pauline Calleja armla ta' Joseph mietet fl-10 ta' Novembru 2016 u li kellha testment fl-atti tan-nutar Rosella Sciberras datat 9 ta' Lulju 2014 fejn ħalliet l-eredità tagħha lil Opri Missjunarji Pontifiċji, (Dok. L) u li huma parti mill-kawża stante illi qed jaqblu wkoll illi jsir dan il-bejgħ.

   xii. Illi fit-2 ta' Ġunju 1973 miet Emanuel Ascolese li kellu 1/10 sehem u huwa ma kellux ulied u l-eredi tiegħu mhumiex magħrufa. (Dok. M)

   xiii. Illi l-atturi f'din il-kawża għandhom 10/11 tas-sehem fil-fond imsemmi.

xiv. Illi l-atturi irnexxilhom wara diversi snin isibu l-bejgħ tal-fond bin-numru 29 fi Triq il-Foss, Paola u ġie iffirmat konvenju sabiex jinbiegħ dan il-fond bil-prezz ta' Eur 200,000 li huwa prezz ġust (Dok N u N2). Anke skond l-istima tal-perit (Dok O).

xv. Illi l-esponenti jafu dawn il-fatti personalment.

xvi. Illi l-esponenti qeghdin jaqblu bejniethom kif jidher mill-firem tagħhom fuq L-istess konvenju u ma hemm l-ebda litigu bejniethom dwar L-imsemmija propjetà u għaldaqstant jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 495A(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

xvii. Illi l-esponenti ilhom għal aktar minn tlett snin ko-proprjetarji tal-imsemmi fond.

xviii. Illi r-rikorrenti mhumiex f'pożizzjoni li jbiegħu l-intier stante li hemm parti minn porzjon indiviżi (1/10) fuq imsemmi għand l-eredi mhux magħrufa u għalhekk qed jipprevalixxu ruħhom mill-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta) ħalli jiġi approvat l-imsemmi bejgħ minn dina l-Onorabbli Qorti.

3. Għalhekk, fir-rikors tagħhom tat-13 ta' Lulju 2023, huma talbu lill-qorti:

i. Tawtorizza l-bejgħ skond il-kondizzjonijiet indikati fil-konvenju hawn fuq imsemmi.

ii. Tiffissa data, ħin u lok fejn għandu jsir I-imsemmi kuntratt ta' bejgħ.

iii. Taħtar lin-Nutar Pubbliku Dottor Jean Carl Debono ħalli jippublika l-att pubbliku relattiv.

iv. Tordna l-kuraturi sabiex jidhru fuq l-att pubbliku relattiv sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Emanuel Ascolese.

v. Tagħti direzzjoni u tordna lin-Nutar Pubbliku in kwistjoni ħalli jiddepożita s-sehem spettanti lill-intimati taħt l-awtorità tal-Qorti u dan wara li jitnaqqsu l-ispejjeż relattivi skond is-sentenza.

## It-tweġiba tal-kuraturi deputati

4. Fir-risposta datata d-9 ta' Mejju 2024, il-kuraturi deputati wieġbu:

i. Illi fl-ewwel lok, dina l-Onorabbli Qorti għandha taċċerta li r-rikorrenti verament huma s-sidien tal-ishma minnhom imsemmija fir-rikors promotur;[1]

ii. Illi fit-tieni lok, dina l-Onorabbli Qorti għandha tiżgura ukoll r-rekwiżiti kollha proċedurali li jiddetta l-Artikolu 495A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta ġew fil-fatt sodisfatti mir-rikorrenti;

iii. Illi fit-tielet lok, dina l-Onorabbli Qorti għandha tara li l-komproprjetarji minoritarji mhux ser jiġu preġudikati mill-bejgħ, partikularment billi taċċerta li l-prezz miftiehem għall-bejgħ tal-fond de quo mill-maġġoranza tal-komproprjetarji huwa wieħed verosimili, ġust u skont il-kundizzjonijiet fuq is-suq miftuħ;

iv. Illi jinħtieġ li l-atturi jġibu l-aqwa prova in sostenn tal-fatti minnhom dikjarati fir-Rikors promotur, inkluż li verament ma jafux min huma l-eredi ta' Emanuel Ascolese;

v. Illi f'dan l-istadju, l-esponenti mhux edotti mill-fatti u għalhekk jirriżervaw li jippreżentaw risposta ulterjuri meta u jekk jiġu edotti;

vi. Salvi jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ulterjuri.

[1] F'dan il-kuntest, tajjeb li jiġi nnotat li l-liġi ma titlobx il-prova tal-provenjenza *ad validitatem.* Il-proċedura prevista fl-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili hija intiża sabiex tassikura li l-prezz tal-bejgħ ikun vantaġġuż għar-rikorrenti kollha, kemm dawk li jkunu jridu jbiegħu, kif ukoll għal dawk li ma jkunux iridu (fil-każ li jkun hemm oppożizzjoni minn dawn tal-aħħar) jew għal dawk il-komproprjetarji li ma jkunux magħrufa (kif inhu l-każ tal-lum).

5. Kopja tar-rikors ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u f'ġurnal wieħed ta' kuljum (ara paġni 129-136), hekk kif jitlob is-sub-inċiż tlieta (3) tal-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili.

**Provi esibiti**

6. Flimkien mar-rikors l-atturi ressqu prova tat-titolu tagħhom u tal-provenjenza tal-fond b'numru disgħa u għoxrin (29), bl-isem 'Redentur', Triq il-Foss, Paola (il-'*Fond'*) (ara paġni 6-80). F'paġna 128 huma ppreżentaw ukoll il-prospett li juri l-għadd u l-valur tal-ishma li kull wieħed minnhom għandu, li b'kollox jammontaw għas-sehem indiviż ta' disgħa minn għaxra (9/10).[2]

7. Mid-dokumenti ppreżentati jirriżulta li l-Fond kien oriġinarjament il-proprjetà tal-miżżewġin Charles Ascolese u Julia Ascolese. Wara mewthom fit-3 ta' Jannar 1947 u l-5 ta' Diċembru 1973 rispettivament,[3] tnissel l-istat ta' komproprjetà, hekk kif saru komproprjetarji tal-Fond l-eredi tal-konjugi Ascolese.

8. L-eredi nnominati fl-aħħar testment tal-konjugi Ascolese fl-atti tan-Nutar Eduardo Calleja Schembri datat il-15 ta' Ġunju 1946, kienu l-għaxar dixxendenti tagħhom jiġifieri il-Kanonku Giuseppe Maria Ascolese, Maria Concetta Ascolese, Vincenza Ascolese, Paolina sive Pauline Calleja, Giovanni sive John Ascolese, Maria Stella Ascolese, Antoinette sive Antonia Fasi, Amelia Izzo, Maria Carmela Ascolese, u Emanuele Ascolese.

9. L-aħwa Ascolese llum kollha mietu. Ir-rikorrenti wirtu s-sehem ta' disgħa minn għaxra (9/10) fil-Fond mingħand il-Kanonku Giuseppe Maria Ascolese,[4] Giovanni sive John

[2] Charles Izzo, Sandra Chetcuti, Anthony Izzo, Theresa sive Marthese Farrugia, Carmela sive Ena Cauchi u Josephine sive Josepha Caruana kollha għandhom is-sehem indiviż ta' sebgħa u tletin min erba' mija u għoxrin (37/420) kull wieħed. Joe Fasi, Carol Gerald, Julie Ascolese u Janet Ascolese għandhom is-sehem indiviż ta' wieħed minn għoxrin (1/20) kull wieħed. George Betts għandu s-sehem indiviż ta' wieħed minn erbatax (1/14) u s-sehem indiviż rimanenti ta' wieħed minn għaxra (1/10) jappartjeni lill-Opri Missjunarji Pontifiċji f'Malta.
[3] Iċ-ċertifikat tal-mewt u r-riċerki testamentarji ta' Charles Ascolese u ta' Julia Ascolese ġew esibiti f'paġni 6-19.
[4] Il-Kanonku Giuseppe Maria Ascolese miet fis-16 ta' April 1972 u fl-aħħar testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Joseph Vella Galea tat-22 ta' April 1964, ħalla bħala eredi lil Vincenza, Maria Stella, Maria Concetta u Carmela Ascolese (iċ-ċertifikat tal-mewt, riċerki testamentarji u t-testment rispettiv esibiti f'paġni 20-32).

Ascolese,[5] Vincenza Ascolese,[6] Antoinette sive Antonia Fasi,[7] Maria Stella Ascolese,[8] Maria Carmela Ascolese,[9] Maria Concetta Ascolese,[10] Amelia Izzo,[11] u Paola Maria sive Pauline Calleja.[12]

10. B'hekk ir-rikorrenti akkwistaw l-ishma kollha ħlief għas-sehem ta' wieħed minn għaxra (1/10) ta' Emanuele Ascolese, li, skont il-provi esibiti, miet fl-Awstralja,[13] miżżewweġ u mingħajr dixxendenti.[14] Skont id-dikjarazzjoni ġuramentata tar-rikorrenti (ara paġna 124), m'huwiex magħruf għand min ippervjena is-sehem ta' 1/10 li kien imiss lil Emanuele Ascolese, u dan minkejja d-diversi tentattivi u riċerki li wettqu għal dan l-għan.

11. Minn dan jirriżulta li l-istat ta' komunjoni, li m'huwiex ir-riżultat ta' kondominju jew ta' indiviżjoni forzata, ilu jeżisti għall-perjodu li jiżboq it-tliet (3) snin meħtieġa fl-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili.

12. Jirriżulta wkoll li l-bejgħ qiegħed jiġi approvat mill-ikbar għadd ta' komproprjetarji. Infatti, fid-dikjarazzjoni ġuramentata tar-rikorrenti f'paġna 124, il-kompropjetarji tas-sehem ta'

---

[5] Giovanni sive John Ascolese miet fis-27 ta' Marzu 1980 bla testment u l-eredi tiegħu skont il-liġi kienu Julie, Janet u Paul Ascolese. Is-sehem ta' Paul Ascolese intiret minn Julie u Janet Ascolese wara mewtu fis-27 ta' Marzu 1980 (iċ-ċertifikat tal-mewt, u r-riċerki testamentarji esibiti f'paġni 33-37).

[6] Vincenza Ascolese mietet fis-7 ta' April 1995 u fl-aħħar testment tagħha fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat tas-17 ta' Settembru 1974, hija nnominat bħala eredi lil Maria Concetta, Maria Stella u Maria Carmela Ascolese (iċ-ċertifikat tal-mewt, riċerki testamentarji u t-testment rispettiv esibiti f'paġni 38-44).

[7] Antoinette sive Antonia Fasi mietet fil-11 ta' Frar 1998 u wirtuha Julia Carol sive Carol Guerard u Joseph Fasi (iċ-ċertifikat tal-mewt, u r-riċerki testamentarji esibiti f'paġni 45-47).

[8] Maria Stella Ascolese mietet fis-17 ta' Settembru 2000, u fl-aħħar testment tagħha hija nnominat lil Vincenza Ascolese (li mietet qabilha), Maria Concetta Ascolese u Maria Carmela Ascolese. B'hekk wirtuha Maria Concetta Ascolese u Maria Carmela Ascolese (iċ-ċertifikat tal-mewt, riċerki testamentarji u t-testment rispettiv esibiti f'paġni 48-52).

[9] Is-sehem ta' Maria Carmela Ascolese, li mietet fis-6 ta' Awwissu 2008, għadda lil Maria Concetta Ascolese, u dan skont l-aħħar testment tagħha fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace datat il-5 ta' April 2001 (iċ-ċertifikat tal-mewt, riċerki testamentarji, it-testment rispettiv u d-dikjarazzjoni causa mortis esibiti f'paġni 53-59).

[10] Is-sehem ta' Maria Concetta Ascolese, li mietet fit-18 ta' Ġunju 2011, għadda permezz tad-dritt ta' sostituzzjoni, lil ulied Amelia Izzo, jiġifieri lil Sandra Chetcuti, Anthony Izzo, Charles Izzo, Therese sive Marthese Farrugia, Carmela sive Ena Cauchi, Josephine sive Josepha Caruana u Marion Betts. Marion Betts mietet fl-14 ta' Mejju 2012 u nnominat lir-raġel tagħha George Betts bħala l-werriet uniku fl-aħħar testment tagħha fl-atti tan-Nutar Mariona Fenech datat is-7 ta' Marzu 2006 (iċ-ċertifikat tal-mewt, riċerki testamentarji, it-testment rispettiv u d-dikjarazzjoni causa mortis esibiti f'paġni 67-71).

[11] Is-sehem ta' Amelia Izzo, li mietet fid-29 ta' Marzu 2016, għadda lil Sandra Chetcuti, Anthony Izzo, Charles Izzo, Therese sive Marthese Farrugia, Carmela sive Ena Cauchi u Josephine sive Josepha Caruana permezz tal-aħħar testment tagħha fl-atti tan-Nutar Isabella Gonzi datat is-6 ta' Diċembru 2012 (iċ-ċertifikat tal-mewt, riċerki testamentarji u t-testment rispettiv esibiti f'paġni 60-66).

[12] Is-sehem ta' Paola Maria sive Pauline Calleja, li mietet fl-10 ta' Novembru 2016, għadda lill-Opri Missjunarji Pontifiċi permezz tal-aħħar testment tagħha fl-atti tan-Nutar Rosella Sciberras datat id-9 ta' Lulju 2014 (iċ-ċertifikat tal-mewt, riċerki testamentarji u t-testment rispettiv esibiti f'paġni 72-76).

[13] Ara ċ-ċertifikat tal-mewt esibit f'paġna 77.

[14] Ara d-dikjarazzjoni ġuramentata tar-rikorrent Charles Izzo, f'paġna 101.

disgħa minn għaxra (9/10) ikkonfermaw li huma kollha jaqblu għall-bejgħ tal-Fond hekk kif inhu regolat bil-pattijiet u kondizzjonijiet elenkati fil-konvenju fl-atti tan-Nutar Jean Carl Debono, liem konvenju ġie ppreżentat f'paġna 81.[15]

13. Skont il-konvenju hawn fuq imsemmi, il-Fond ser jinbiegħ versu l-prezz ta' €200,000, Mill-valutazzjoni peritali ppreżentata mir-rikorrenti f'paġna 96, il-Fond ġie stmat mill-Perit Jo A Delia b'valur ta' €220,000.

14. Minn dan joħroġ li l-bejgħ propost mhux ser ikun qiegħed gravament jippreġudika lis-sidien mhux magħrufa. Tajjeb li hawn issir riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Jannar 2017 fl-ismijiet *Richard Vella Laurenti vs John Vella Laurenti*, fejn intqal is-segwenti:

> "L-iskop tal-Artikolu 495A m`huwiex biex jiġi assigurat bi preċiżjoni il-valur tal-proprjetà fis-suq – xi ħaġa finalment soġġettiva sia pure bil-benefiċċju tal-perizja teknika – iżda li tassikura bejgħ bi prezz ġust (li jkun assikurat għaliex miftiehem fil-konvenju) li ma jilledi lill-ebda propjetarju."

15. F'din is-sentenza l-Qorti tal-Appell sostniet li sabiex tkun tista' tasal għad-deċiżjoni fejn ma taderixxix għat-talba għall-bejgħ mhux biżżejjed li tiġi stabbilita differenza żgħira fil-valur tal-proprjetà li finalment jekk tinqasam bejn il-komproprjetarji tkun relattivament żgħira. Jeħtieġ preġudizzju gravi - biex wieħed juża terminu bl-Ingliż - "manifestly unfair" għad-dissident.

16. Meħud kont tal-fatt li t-tali valutazzjonijiet ma jistgħu qatt ikunu preċiżi u dejjem jirrikjedu element soġġettiv, il-Qorti tqis li d-differenza ta' €20,000 bejn l-istima tal-perit *ex parte* Jo A Delia u dak pattwit fil-konvenju ppubblikat min-Nutar Dottor Jean Carl Debono fis-26 ta' Novembru 2020 (inkluż l-estensjonijiet rispettivi tiegħu) ma jirrendix il-bejgħ propost ta` preġudizzju gravi għall-eredi mhux magħrufa ta' Emanuel Ascolese.

17. B'hekk, il-Qorti hija sodisfatta li jikkonkorru r-rekwiżiti kollha msemmija fl-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

---

[15] Saru diversi estensjonijiet tat-terminu stipulat fil-konvenju (ara paġni 89-93 u 119-120).

**Parti deċiżiva**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti:

a. Tilqa' l-ewwel talba u tawtorizza l-bejgħ tal-fond b'numru disgħa u għoxrin (29), bl-isem 'Redentur', Triq il-Foss, Paola taħt il-kondizzjonijiet u pattijiet indikati fil-konvenju ippubblikat min-Nutar Dottor Jean Carl Debono fis-26 ta' Novembru 2020 (inkluż l-estensjonijiet rispettivi tiegħu), kif ukoll kwalsiasi atti pubbliċi u/jew dikjarazzjonijiet u/jew atti aċċessorji oħra għall-att finali ta' trasferiment li jistgħu jkunu neċessarji sabiex ikun jista jiġi ppubblikat u insinwat l-att finali ta' bejgħ u trasferiment tal-Fond;

b. Tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet, u taħtar lin-Nutar Dottor Jean Carl Debono sabiex jippubblika l-att relattiv tal-bejgħ tal-Fond kif ukoll kwalsiasi atti pubbliċi u/jew dikjarazzjonijiet u/jew atti aċċessorji oħra għall-att finali ta' trasferiment li jistgħu jkunu neċessarji sabiex ikun jista jiġi ppubblikat u insinwat l-att finali ta' bejgħ u trasferiment tal-Fond, liem pubblikazzjoni għandha ssir fi żmien xahar mid-data ta' din is-sentenza fl-uffiċju tan-Nutar hawn maħtur jew fl-edifizju tal-Qorti, il-Belt Valletta;

c. Tilqa' r-raba' talba u taħtar lil Dr Josette Sultana bħala kuratur deputat sabiex jidher għall-eredi mhux magħrufa ta' Emanuel Ascolese jekk jonqsu milli jidhru għall-pubblikazzjoni tal-att finali ta' bejgħ, kif ukoll kwalsiasi atti pubbliċi u/jew dikjarazzjonijiet u/jew atti aċċessorji oħra għall-att finali ta' trasferiment li jistgħu jkunu neċessarji sabiex jiġi ppubblikat u insinwat l-att finali ta' bejgħ u trasferiment tal-Fond;

d. Tilqa' l-ħames talba u tordna li l-ammont spettanti mill-prezz tal-bejgħ lill-komproprjetarji mhux magħrufa jiġi kkonsenjat lin-Nutar Dottor Jean Carl Debono, sabiex fi żmien ħmistax (15) il-ġurnata mid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ, huwa jiddepożita dak l-ammont taħt l-awtorità tal-qorti wara li jitnaqqsu kwalsiasi taxxi, spejjeż u drittijiet li jkunu dovuti, sabiex l-ammont depożitat jiġi eventwalment żbankat minn min ikollu jedd għalih skont il-liġi.

L-ispejjeż kollha inklużi l-ispejjeż tal-kuratur tal-eventwali kontumaċi, kif ukoll l-ispejjeż ta' din il-proċedura, għandhom jitħallsu mill-partijiet skont is-sehem rispettiv tagħhom fil-Fond.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur